MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Referenza Kostituzzjonali Numru. 53/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara u**
**Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Joseph Lebrun**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fil-25 ta` Ottubru, 2007, mill-imputat Joseph Lebrun quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, li in forza taghha wara li ppremetta illi:

Illi l-imputat kien gja` ghamel referenza kostituzzjonali u dan peress illi kien sostna illi l-procedura li ntuzat mill-

Avukat Generali biex l-imputat jerga` jigi imqieghed taht att ta` akkuza kiser jew x`aktarx kiser d-dritt fundamentali tieghu illi jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b`ligi kif provdut u sancit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Illi din ir-referenza istemghet quddiem il-Prim`Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) preseduta mill-Imhallef Tonio Mallia. Illi din il-Qorti iddecediet illi *tiddisponi mill-kawza billi tichad il-lanjanza tal-akkuzat, u tiddikjara li l-procedura kontemplata fl-artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali, u l-agir tal-Avukat Generali f`dan il-kaz ma jmurx kontra l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u tordna li kopja ta` din is-sentenza tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi, biex tigi inserita, fil-process tal-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Lebrun".*

Illi l-imputat appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li ddecidiet hekk, *(a) tiddikjara li l-procedura ta` konsultazzjoni fil-privat ta` l-Avukat Generali ma` Imhallef maghzul minnu skond l-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tkomplija ta` l-istruttorja in segwitu ghal dik il-procedura, u l-eventwali hrug ta` att ta` akkuza x`aktarx ser jiksru d-dritt ta` l-appellant Joseph Lebrun ghal smigh xieraq kif garantit bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni; (b) tordna li l-proceduri kontra l-appellant Joseph Lebrun quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja (presjeduta mill-Magistrat Dott. Antonio Mizzi) ghandhom jibqghu pendenti sine die ghal perjodu ta` tlett xhur mill-lum; u (c) jekk sa tmiem dak il-perjodu ma tkunx giet fis-sehh u ma tkunx giet applikata fil-konfront ta` l-appellant Lebrun u b`referenza ghall-proceduri de quo procedura ghar-revizjoni, u possibilment varjazzjoni, tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tat-23 ta` Novembru, 2005 li tkun konformi ma` dak li nghad aktar 'l*

*fuq f`din is-sentenza fir-rigward tal-Artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, il-Qorti Istruttorja riferenti ghandha terga` tqieghed lill-imsemmi Joseph Lebrun fil-pozizzjoni li kien fiha minnufih wara li nghatat l-imsemmija decizjoni tat-23 ta` Novembru, 2005.*

Illi ghaddiet ligi entro it-tlett xhud imsemmija illi bidlet is-sistema uzata fl-Artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk l-imputat rega` tqieghed taht att ta` akkuza fil-proceduri odjerni quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-imputat jikkontendi illi din l-procedura illi jerga` jigi imqieghed taht att ta` akkuza kiser id-dritt fundamentali tieghu illi u dan tal-Konvenzjoni Ewropea illi tghid skond Artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 illi *'no one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State'*.

Illi permezz tas-sentenza taghha l-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hija tribunal ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk japplikaw l-elementi kollha tad-dritt ghas-smiegh xieraq. U dan id-dritt jibqa` jippersisti anki fil-procedura antika taht il-433(3). Illi minn hawn ghalhekk wiehed jista` jikkonkludi d-decizjoni ta` l-Ewwel Qorti meta din iddikjarat li m`hemmx provi bizzejjed prima facie illi jitqieghed taht att ta` akkuza kuntrarjament ghal dak tradizzjonalment retenut tikkostitwixxi sentenza u mhux decizjoni kwazi gudizzjarja. Il-Qorti Kostituzzjonali wara kollox qalet li l-procedura antika hija inkompattibbli mas-smiegh xieraq issollecitat il-parlament jghaddi ligi illi tkun kompatibbli ma` dan id-dritt. Il-Parlament ghazel illi jirrevedi l-procedura taht l-Artikolu 433(3).

L-imputat permezz ta` din ir-referenza qieghed jikkontendi illi galadarba illi fit-23 ta` Novembru, 2005 l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja iddecidiet illi ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jigi mqieghed taht att ta` akkuza, din hija decizjoni illi tkun

tista` tigi kkontestata biss permezz ta` appell u mhux permezz tal-proceduri il-godda illi ssosttwew l-Artikolu 433(3). Din il-procedura il-gdida mhix appell u darba illi l-imputat gie illiberat ma jistax jerga` jghaddi proceduri fuq l-istess mertu. Fil-fatt jigi enfasizzat li l-Qorti tar-rivisjoni fl-ebda hin ma ntalbet jew ma ddecidiet billi tirrevoka d-decizjoni ta` liberatorja ta` l-ewwel Qorti liema decizjoni ghadha in vigore.

In oltre l-imputat jinnota illi skond Artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7, *'the right not to be tried or punished twice does not prevent the reopening of the case in accordance with the law and criminal procedure of the State concerned, if there is evidence of new or newly discovered facts, or if there has been a fundamental defect in the previous proceedings, which could affect the outcome of the case'.* Fis-sitwazzjoni odjerna dan ma sehhx u ghalhekk il-kawza kontra Joseph Lebrun ma tistax tinfetah darb`ohra.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti a tenur ta` l-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta tirrimandi l-parti ta` dan il-process quddiem il-Prim Awla tas-sede Kostituzzjonali sabiex din tiddeciedi fuq lanjanzji kostituzzjonali ta` indoli kostituzzjonali li qed jitqajmu prezenjalment. U dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat li, ghal din it-talba, l-Avukat Generali wiegeb illi t-talba tar-rikorrenti hija frivola u vessatorja stante li l-emendi li ghalihom saret riferenza saru in linea mad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali imsemmija mir-rikorrent li ezaminat funditus l-istess materia, u l-ebda dritt tar-rikorrent ma gie b`xi mod lez.

Rat id-digriet moghti mill-imsemmija Qorti Istruttorja fid-29 ta` Ottubru, 2007, li in forza taghha, wara li qieset li t-talba tal-imputat ma kienetx wahda frivola u vessatorja, irrimettiet l-atti tal-kawza ghal quddiem din il-Qorti skond l-artikolu 46(3) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat ir-risposta mressqa quddiem din il-Qorti mill-Kummissarju tal-Pulizija li in forza taghha eccepixxa illi:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet;-

**1. Nullita**

Illi minn ezami tar-rikors odjern jirrizulta illi r-rikorrenti ma ressaq ebda talba lil dina l-Onorabbli Qorti ghal dikjarazzjoni ta` xi allegat ksur ta` dritt fundamentali mill-esponent fil-konfront tieghu, kif wkoll r-rikorrenti ma specifika ebda rimedju illi huwa qed jippretendi li jinghata minn dina l-Onorabbli Qorti in vista ta` tali allegat ksur.

Illi dina l-Onorabbli Qorti ghaldaqstant m`ghanda ebda talba x`tilqa jew tichad, kif ukoll ebda rimedju x`taghti lir-rikorrenti kif jezigu r-Regoli dwar il-Prattika u Procedura tal-Qrati Civili (L.S. 12.09), bil-konsegwenza illi l-proceduri odjerni huma nulli.

Ir-regolament 3(5) tar-Regoli fuq imsemmija jipprovdi li rikors li ma josservax ir-regoli imsemmija ma jkunx null izda l-Qorti tista`, f`kull kaz, tordna lir-rikorrent li jipprezenta, f`dak iz-zmien li l-Qorti tistabilixxi, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega u l-ispejjez ta` dak l-ordni ghandu jbatihom ir-rikorrent. Din ir-regola, izda, tapplika ghall-partikolaritajiet imsemmija fl-istess regola u cioe` ghan-nuqqas ta` fatti li minnhom jinholoq l-ilment, in-nuqqas li jigu indikati d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni allegatament miksura, u in-nuqqas li jigi indikat ir-rimedju mitlub. Din ir-regola ma tistax tapplika ghal nuqqas tant serju u radikali bhal dak li fih ir-rikors odjern fejn addirittura ma hemm ebda talba sabiex il-Qorti tiddikjara li hemm xi ksur jew x`aktarx ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwu previsti fil-Kostituzzjoni. Ir-rikors odjern, ghalhekk, aktar milli irritwali huwa null.

**2. Frivola u vessatorja**

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-tqanqil tal-kwistjoni li qieghed jissolleva r-rikorrent hi

semplicement frivola u vessatorja. Di fatti ir-rikorrent qieghed jistrieh fuq id-dispozizzjonijiet ta` l-artikolu 4 tas-Sebgha Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea li fis-subartikolu (1) tieghu jipprovdi li:

*“Hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni ta` l-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat (acquitted) jew misjub hati (convicted) skond il-ligi u l-procedura penali ta` dak l-Istat”*.

Ma jirrizulta minn imkien, u anqas qieghed biss jigi allegat mir-rikorrenti fir-rikors tieghu, li r-rikorrent qatt xi darba gie imqar ghal darba wahda biss finalment illiberat (acquitted) jew misjub hati (convicted) tar-reat li qieghed jigi addebitat lilu fil-proceduri struttorji li dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrent. Jirrizulta biss li r-rikorrent gie darba *discharged* mill-Qorti tal-Magistrati izda gie sussegwentement riarrestat u wara l-proceduri kostituzzjonali relevanti l-Qorti Kriminali kkonfermat li kienu jezistu ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att ta` akkuza.

L-ilmenti tar-rikorrent huwa ghalhekk manifestament u palesament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu dikjarati frivoli u / jew vessatorji.

**3. Rimedju ordinarju**

Subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent naqas li jezawrixxi r-rimedju ordinarju moghti lilu mill-ligi. L-allegazzjonijiet intavolati f`dan ir-rikors jirrigwardaw il-proceduri li ttiehdu mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali ai termini ta` l-artikolu 433 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta li fihom ir-rikorrent gie notifikat bir-rikors ta` l-Avukat Generali li gie segwit bi smiegh pubbliku ai termini tal-artikolu 433 (4) tal-Kap. 9. Ir-rimedju ordinarju li kien disponibbli ghar-rikorrent kien li jissolleva kwistjoni kostituzzjonali f`dawk il-proceduri li biha jallega li d-drittijiet fundamentali tieghu kien qeghdin jigu jew x`aktarx ser jigu miksura liema kwistjoni kienet inbaghad tigi riferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Minn dan kollu r-rikorrent ma ghamel xejn u issa jippretendi li

jintavola il-proceduri odjerni wara li halla l-opportunita` imsemmija tghaddi minghajr ma deherlu li ghandu jitharrek biex jivventila l-ilmenti kostituzzjonali tieghu tant li llum il-proceduri istruttorji thallew jiehdu l-kors taghhom biex issa l-Qorti Istruttorja halliet il-proceduri istruttorji *sine die* sakemm jigu maqtugha dawn il-proceduri.

Ghandu jigi rilevat li l-procedura li biha l-Qorti Istruttorja ddiferiet l-Istruttorja *sine die* ma hix skond il-ligi u qed tipperikola l-istruttorja nnifisha peress li riferenza kostituzzjonali ma hix prevista bhala raguni ghas-sospenzjoni tat-termini tal-istruttorja (ara artikolu 402 (1) (2) tal-Kodici Kriminali). Dan hu konsistenti ma` dak kollu dispost fil-Kodici Kriminali dwar l-istruttorja li kull dispozizzjoni taghha u partikolarment it-termini stretti imposti f`kull stadju juru b`mod car li l-ligi trid li l-kumpilazzjoni tiehu dejjem il-kors taghha sabiex il-gabra tal-provi ssir mill-aktar fis possibbli sabiex dawn jigu preservati ghal kwalunkwe process eventwali. Dan jghodd b`aktar qawwa f`dan il-kaz meta l-Qrati taghna gja sabu li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex ir-rikorrent jitqieghed taht att ta` akkuza.

In vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ai termini ta` l-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-ligijiet ta` Malta u dan ghat-tenur tal-proviso ta` l-istess subartikolu.

**4 Ebda irregolarita` ta` proceduri**

Illi l-allegazzjoni mressqa mir-rikorrent fit-tieni paragrafu tar-raba` pagna tar-rikors odjern ma hija sostanzjata minn ebda referenza ghal xi artikolu partikolari fil-ligi li jipprovdi illi l-proceduri odjerni illi messhom gew segwiti fil-konfront tar-rikorrent in segwitu tad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-23 ta Novembru, 2007 kellhom ikunu dawk permezz ta` procedura ta` appell.

Illi l-esponenti ma kkommetta ebda irregolarita` fil-proceduri migjuba kontra r-rikorent u talli allegazzjoni hija ghal kollox fierha.

**5. Inapplikabilita` tal-artikolu 4(1) tal-Protokol 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi l-emendi ntrodotti lill-artikolu 433(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta ma jwasslux ghat-tehid ta` *"proceduri godda"* fuq l-istess mertu kif qed jigi allegat mir-rikorrent, izda huwa sempliciment kontinwazzjoni ta` proceduri gia mibdija kontra tieghu. Dan gie wkoll determinat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ewwel proceduri kostituzzjonali intavolati mir-rikorrent. L-emendi li gew introdotti lill-artikolu 433(3), in segwitu tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-9 ta` Frar, 2007, jipprovdu lill-imputat smiegh xieraq u r-rikorrent ghandu rimedju gudizzjarju u pubbliku fl-istess proceduri kriminali kontra r-rikorrent li gew inizjati quddiem il-Qorti Istruttorja u komplew quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi ghaldaqstant, l-emenda fuq citata ma twassalx ghal ksur tal-artikolu 4(1) tal-Protokol 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Infatti l-artikolu 4(1) tal-Protokol 7 tal-Konvenzjoni Ewropea lanqas biss japplika ghal kaz odjern stante illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ma ghandha ebda kompetenza li tillibera finalment (acquit) jew finalment issib htija (convict) kif jezigi l-istess artikolu tal-Konvenzjoni, ghaliex il-kompetenza taghha ma hix dik ta` gudikatura kriminali izda hija biss kumpilatorja jew investigattiva li jwassalha tiddeciedi jekk hemmx ragunijiet bizzejjed *prima facie* illi jwasslu biex akkuzat jitqieghed taht att ta` akkuza. Ghaldaqstant il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Istruttorja ma jammontawx ghal *"trial … <u>again</u> in criminal proceedings … for an offence for which he has already been <u>finally acquitted</u> or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State"*.

Infatti fi kliem l-awtur Harris O'Boyle, Warbrick, sabiex japplika l-artikolu 4 tal-Protokol 7:

*"The person must have been convicted of a criminal offence by a final decision and suffered consequential punishment. A decision will be final when it is res judicata … where it is irrevocable, that is to say when no further*

*ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the time limit to expire without availing themselves of them" (pg. 568-569).*

Illi fil-fatt Professur Mamo fin-noti tieghu taht l-intestatura *"Nature of Jurisdiction – Court of Criminal Police as Court of Criminal Inquiry"* jispjega billi jghid:

*"this is not a Court of trial but a court of inquiry. In other words its function is not that of deciding on the merits of the charges brought before it but that of collecting and conserving the evidence and compiling the records which may eventually serve as the basis for the trial before the criminal court".*

Illi primarjament il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja hija biss li tigbor il-provi u ma tistax tuzurpa il-funzjoni ta` Qorti ta` Gudikatura billi tiddeciedi fuq il-mertu. Fil-fatt fis-sentenza *Il-Pulizija vs Joseph Caruana et* deciza fl-14 ta` Jannar, 1984, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali irriteniet illi:

*"l-iktar karatteristika fondamentali tal-kwistjoni u cioe` li Qorti ta` Istruttorja fil-limiti tal-Kodici vigenti tista` tiddeciedi diversi kwistjonijiet izda fin-natura taghha stess ma tistax tiddeciedi li hi nkompetenti tiddeciedi l-mertu tal-kaz ghaliex bhala tali m`ghandha qatt u ma tista qatt tigi mitluba tiddeciedi l-mertu tal-kaz u mhu qatt fil-funzjoni taghha li tiddeciedi l-mertu"*.

Illi l-Qorti Istruttorja meta tillibera lill-imputat ghax ma hemmx ragunijiet bizzejjed ma jwassalx ghall-*"final acquittal"* imma semplicement tkun qed tasal ghall-decizzjoni ta` *discharging kif provdut taht l-artikolu 401 (2) tal-Kap. 9.* Dan gie ritenut ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali *Il-Pulizija vs Dr. Joseph Cassar Galea* deciza fil-11 ta` April, 1984 fejn tenniet li:

*"Minn ezami tad-diversi disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali taghna din il-Qorti m`ghandhiex dubju dwar xi kwalita` ta` liberazzjoni trid tkun dik li takkorda l-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja bhala Qorti*

*ta` Istruttorja. Infatti dik il-liberazzjoni ma tistax tkun dik li tekwivali ghall-"final acquittal", dana ghaliex l-artikolu 416 u 446 (illum 404 u 434) tal-Kodici Kriminali ma jhallux dubju dwar dan"*.

**6. Inaplikabilita` tal-artikolu 4(2) tal-Protokol 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem**

Illi fit-tielet paragrafu fir-raba` pagna tar-rikors odjern, ir-rikorrenti jicita l-artikolu 4(2) tal-Protokol 7 tal-Konvenzjoni bhala l-mizura illi l-Istat setgha juza biex jiftah proceduri fil-konfront tieghu.

Illi tali referenza hija ghal kollox barra minn lokha ghaliex dan is-subartikolu huwa eccezzjoni ghar-regola kontemplata fl-ewwel subartikolu tal-artikolu 4 tal-Protokol 7 citat aktar il-fuq, liema tieni subartikolu jiskatta biss kemm il-darba huwa applikabbli l-ewwel subartikolu tal-artikolu 4 tal-Protokol 7.

Illi ghar-ragunijiet gia mtennija aktar il-fuq, l-artikolu 4(1) tal-Protokol 7 ma japplikax ghal kaz odjern. Isegwi illi l-anqas it-tieni subartikolu ma huwa applikabbli u ma jiskattax fin-nuqqas ta` applikabilita` tas-subartikolu (1).

Illi mis-suespost, johrog b`mod l-aktar car illi:

1. ir-rikors odjern huwa null;

2. fi kwalunkwe kaz huwa frivolu u vessatorju;

3. fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setgha taghha in kwantu r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji li kienu ghalih disponibbli;

4. ma hemm ebda lanjanza kostituzzjonali x`tigi deciza minn dina l-Qorti;

5. ma hemm ebda ksur jew x`aktarx ksur ta` xi dritt fundamentali mill-esponent versu r-rikorrent; u

6. ma hemm ebda provvediment xieraq u opportun x`jinghata lir-rikorrent minn dina Qorti.

Ghaldaqstant, ir-rikors ghandu jigi respint minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

Rat ukoll l-atti tar-riferenza kostituzzjonali fl-istess ismijiet (rikors numru 16/2006) deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta` Frar, 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dawn il-proceduri huma t-tieni referenza kostituzzjonali li ressaq Joseph Lebrun fil-kors tal-proceduri kriminali li hemm pendenti kontra tieghu. L-ewwel referenza kostituzzjonali giet determinata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta` Frar, 2007. L-isfond fattwali li waslu ghal ewwel referenza jinsabu delineati fil-paragrafi bin-numru 2 sa 6 tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Fis-sentenza gie dikjarat li l-procedura ta` konsultazzjoni fil-privat tal-Avukat Generali ma` Imhallef maghzul minnu skond l-artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali abbinat mat-tkomplija tal-istruttorja in segwitu ghal dik il-procedura, u l-eventwali hrug ta` att ta` akkuza, x`aktarx ser jiksru dritt ta` Joseph Lebrun ghal smiegh xieraq kif garantit bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem. Dik il-Qorti pero`, ma ghaddietx biex tippronunzja it-twaqqif ta` kull procedura li tittiehdet kontra l-istess Joseph Lebrun u l-helsien tieghu, izda issospendiet il-proceduri ghat-tlett xhur, b`dan li jekk matul dan il-perjodu ma tinholoqx procedura ghar-rivizjoni jew varjazzjoni tad-decizjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fit-23 ta` Novembru, 2005 (li ma

kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Lebrun jitqieghed taht att ta` akkuza), liema proceduri *"tkun konformi ma` dak li nghad aktar 'l fuq f`din is-sentenza fir-rigward tal-artikoli 39(1) u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament",* l-imputat Lebrun ghandu jerga` jitqieghed fil-pozizzjoni li kien fiha minnufih wara li nghatat l-imsemmija decizjoni tat-23 ta` Novembru, 2005.

Wara dik is-sentenza, u entro t-terminu ta` tlett xhur impost, il-Gvern ipproceda biex jemmenda l-artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali u dana bis-sahha tal-Att VI tal-2007. B`rizultat ta` dawn l-emendi, f`kaz li Qorti Istruttorja tiddeciedi li ma kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta` akkuza, l-Avukat Generali inghata zmien xahar biex irressaq rikors quddiem il-Qorti Kriminali ghall-hrug ta` mandat ta` arrest tal-persuna illiberata. Il-ligi issa saret tipprovdi ghal smiegh minn Qorti u fil-miftuh ta` dan ir-rikors u fil-prezenza tal-persuna illiberata. F`kaz li l-Qorti Kriminali tkun tal-fehma illi jkun hemm ragunijiet bizzejjed biex dik il-persuna tigi mqieghda taht att ta` akkuza, hija ghandha minnufih tohrog mandat ghall-arrest ta` dik il-persuna.

Wara li sehhet din il-bidla fil-ligi, l-Avukat Generali ressaq rikors quddiem il-Qorti Kriminali fit-termini ta` l-artikolu 433 (3) kif issa emendat. Il-Qorti Kriminali appuntat ir-rikors ghas-smigh, u wara udjenza li fiha kien prezenti l-imputat, tat digriet li fih qieset li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-istess Joseph Lebrun jitqieghed taht att ta` akkuza, u harget mandat ta` arrest fil-konfront tieghu. L-imputat rega` tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn sostna li r-re-arrest tiehu kien jikser dritt iehor tieghu sancit bl-artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 li jipprovdi li imputat ma jistax jigi processat darbtejn ghall-istess akkuza. Ghalhekk, jidher li din id-darba, l-imputat mhux qed jilmenta li l-process jikser id-dritt fundamentali tieghu ta` smiegh xieraq kif provdut u sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda qed jinvoka dritt gdid kawtelat fil-principju *ne bis in idem*. Dawn il-proceduri, isegwi, ghandhom jiehdu zvolta differenti minn dik li kienet diskussa fil-proceduri determinati bis-sentenza tad-9 ta`

Frar, 2007, tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ghax fil-waqt li f`dawk il-proceduri, l-imputat Lebrun kien qed jilmenta mill-fatt li d-decizjoni li jittqieghed taht att ta` akkuza ittiehdet wara daru, fil-proceduri odjerni ma ressaqx l-istess ilment (u dana peress li bl-emenda li giet introdotta bl-Att VI tal-2007, id-decizjoni li jittqieghed taht att ta` akkuza ittiehdet minn Qorti u fil-prezenza tieghu), izda li darba hu gie "liberat" mill-Qorti Istruttorja, ma jistax jerga` jitqieghed taht att ta` akkuza, fl-assenza ta` provi godda. L-imputat qed jargumenta li darba hu gie mehlus, dik id-decizjoni tista` tigi kkontestata biss permezz ta` appell, u mhux permezz ta` procedura kif kontemplata fl-artikolu 433(3).

Din il-Qorti ikollha tistqarr li dan l-argument sabitu ingenjus u interessanti, izda wara li hasbet fit-tul dwar l-import tieghu, tara li ma tistax taccettah. L-artikolu invokat jipprojbixxi proceduri godda fejn persuna *"has already been* *finally acquitted* *or convicted"*. Kif jispjegaw l-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"* (Tielet Ediz. Pagna 691).

*"Paragraph 1 of Article 4 further provides that the ne bis in idem principle is only applicable if the conviction or acquittal has become final. Here again, just as in the preceding Article 3, a decision is to be considered final 'if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata'. This is the case when it is irrevocable, that is to say when 'no further ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the time-limit to expire without availing themselves of them".*

Issa kif osservat l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali, fil-kawza "Il-Pulizija vs Cassar Galea", deciza fil-11 ta` April, 1984, il-liberazzjoni li tista` taghti Qorti Istruttorja *"ma tistax tkun dik li tekwivali ghal final acquittal, dana ghaliex l-artikolu 416 u 446 (illum 404 u 434) tal-Kodici Kriminali ma jhallux dubju dwar dan"*.

Barra minn dan, kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tad-9 ta` Frar, 2007, fil-proceduri ta` l-ewwel referenza li talab l-imputat, meta Qorti Istruttorja tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta` akkuza, dik id-decizjoni tkun finali u decisiva *“jekk ma jsir xejn in segwitu ghaliha”* Darba hu kontemplat li jista` jsir xi haga wara dik id-decizjoni, u fil-fatt isir xi haga kif kontemplat fil-ligi, dik id-decizjoni ma tkunx *“irrevocable”* jew *res judicata*. Jekk wara decizjoni simili, l-Avukat Generali ma jipprocedix skond l-artikolu 433(3), allura d-decizjoni tkun wahda finali, ghas-semplici raguni li l-proceduri penali fuq dawk l-atti u b`dawk il-provi li kellha quddiemha l-Qorti Istruttorja jieqfu definittivament, b`tali mod li la l-Qorti Kriminali u anqas il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ma jkunu jsitghu qatt jaslu biex isibu htija fil-konfront ta` l-imputat. Jekk, min naha l-ohra, il-kaz ma jithallhiex jinghalaq, u dan in segwitu ta` procedura li tiggarantixxi lill-imputat id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, allura dik id-decizjoni ma tkunx wahda *“finali”* u irreversibbli.

Fil-fatt, il-procedura kontemplata fl-artikolu 433(3) mhiex xi procedura *ex novo*, imma kontinwazzjoni tas-smiegh ta` l-istess kawza. L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha f`dan il-kaz osservat li, fir-realta`, il-procedura skond is-subartikolu (3) tal-artikolu 433, *“ma hi xejn ghajr forma ta` ‘appell’ li l-Avukat Generali jaghmel (f`dik l-epoka) in camera u privatament quddiem Imhallef li jaghzel hu stess”*. Darba din il-procedura hija meqjusa bhala *“forma ta` appell”*, iffisser li dak li isostni r-rikorrent, li decizjoni simili tista` tigi attakata biss permezz *“ta` appell”*, fil-fatt qieghed isehh.

L-imputat Lebrun f`dawn il-proceduri, mhux qed jallega li dan *“l-appell”* sar b`mod li jilledi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq; hu qed jilmenta mill-fatt per se li rega` tressaq quddiem il-Qorti taht arrest. Dan, pero`, sehh b`rizultat ta` process taht forma ta` appell, u process simili ma jista` qatt ikun ikkunsidrat bhala process bi ksur tal-principju *ne bis in idem*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors billi tichad il-lanjanza ta` l-akkuzat, u tiddikjara li l-procedura kontemplata fl-artikolu 433(3) tal-Kodici Kriminali ma tiksirx l-artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 ghall-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u tordna li kopja ta` din is-sentenza tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, kif presjeduta mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi, biex tigi inserita fil-process tal-kawza *"Il-Pulizija vs Joseph Lebrun"*.

L-ispejjez ta` dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------